**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija mill-iSpeaker l-Onor Louis Galea, f'Seduta numru 79 tat-Tlieta, 3 ta' Frar, 2009.**

*Ammissibilità u kostituzzjonalità ta' mozzjoni ta' proċedura - Artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni - Setgħa tal-Parlament li jgħaddi liġijiet.*

Hekk kif issejħet il-Mozzjoni numru 78 kif tidher fuq l-Aġenda tas-Seduta tal-lejla, qam l-Onor Alred Sant u fuq punt ta' ordni talab lis-Sedja tiddeċiedi li l-imsemmija mozzjoni ta' proċedura m'għandhiex tkun ammissibbli għaliex tmur kontra l-Artikolu 65 (1) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi dwar is-setgħa ta' għemil ta' liġijiet tal-Parlament.

Is-Sedja semgħet it-trattazzjoni fuq dan il-punt tal-Onor Alfred Sant kif ukoll it-tweġiba tal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin l-Onor Tonio Borg.

Is-Sedja qieset x'jgħid l-Artikolu 65 (1) tal-Kostituzzjoni:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, il-Parlament jista' jagħmel liġijiet għall-paċi, ordni u gvernar tajjeb ta' Malta b'mod konformi ma' rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji ġeneralment aċċettati tad-dritt internazzjonali u l-obbligi internazzjonali u reġjonali ta' Malta partikolarment dawk assunti bit-trattat tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea ffirmat f'Ateni fis-16 ta' April, 2003."

Is-Sedja qieset ukoll x'tgħid il-Mozzjoni 78 u imkien ma jirriżulta li b'xi mod hemm xi nuqqas ta' rispett "għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji ġeneralment aċċettati tad-dritt internazzjonali u l-obbligi internazzjonali u reġjonali ta' Malta partikolarment dawk assunti bit-trattat tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea ffirmat f'Ateni fis-16 ta' April, 2003." U allura f'dan is-sens żgur m'hemm xejn fil-mozzjoni li jirrendiha inkostituzzjonali u allura inammissibbli.

Is-Sedja tifhem li l-Onor Alfred Sant qed jibbaża l-ilment tiegħu tal-inkostituzzjonalità, u allura l-inammissibilita`, tal-mozzjoni ta' proċedura fuq il-fatt li l-imsemmija mozzjoni fil-paragrafu A (ii) tagħha qed tipproponi li tirregola meta jista' jittieħed il-vot li jkun intalab

b'division. Bħala fatt il-mozzjoni qed tipproponi li vot b'division jittieħed "biss fis-seduta li jmiss tal-Erbgħa" bil-possibilita' li tali votazzjoni b'division tittieħed f'xi seduta oħra f'data mhux "iżjed tard minn ġimgħa minn mindu saret it-talba oriġinali għall-votazzjoni" u kif ikun ġie avżat fil-mozzjoni ta' Aġġornament tal-mozzjoni tas-seduta ta' qabel l-Erbgħa [ara paragrafu A (iii)].

Għandu jkun ċar għal kulħadd li dan hu essenzjalment punt ta' proċedura. Is-Sedja tiġbed l-attenzjoni li l-Artikolu 65 (1) huwa l-ewwel artikolu f'Taqsima 2 ta' Kapitolu VI tal-Kostituzzjoni, intitolat "Il-Parlament", liema Taqsima hija intitolata "Setgħat u Proċedura tal-Parlament" u tgħaddi biex tipprovdi għas-setgħat f'sett ta' artikoli u għall-proċedura f'artikoli oħra. L-artikolu in kwestjoni, 65 (1), imbagħad hu affjankat b'nota marġinali li tgħid hekk "Setgħa ta' għemil ta' liġijiet" u tħalli r-"Regolar tal-Proċedura fil-Kamra tad-Deputati", il-kliem tan-nota marġinali, għall-Artikolu 67 (1) tal-Kostituzzjoni ċitat mis-Sedja fid-deċizjoni tagħha tal-bieraħ.

Minn dan diġa' jibda jemerġi ċar li l-Kostituzzjoni tiddistingwi bejn is-setgħa tal-Parlament ta' għemil ta' liġijiet u l-proċedura li ssegwi l-Kamra tad-Deputati. Filwaqt li fl-Artikolu 65 (1) il-Kostituzzjoni tirreferi għall-"Parlament", fl-Artikolu 67 (1) ir-riferenza hija għall-"Kamra tad-Deputati", differenza ta' sustanza għaliex fl-Artikolu 51 il-Kostituzzjoni tipprovdi li "Għandu jkun hemm Parlament ta' Malta li jkun magħmul mill-President u minn Kamra tad-Deputati." B'hekk toħroġ aktar ċara id-differenza bejn is-setgħa ta' għemil ta' liġijiet mill-Parlament, u d-dritt tal-Kamra tad-Deputati li "tista' tirregola l-proċedura tagħha stess." (Artikolu 67 (1) tal-Kostituzzjoni)

Il-kwestjoni ta' meta tista' tittieħed votazzjoni b'division hija kwestjoni ta' proċedura li sakemm hija stabbilita mill-Kamra tad-Deputati ma tattakkax il-validita' tad-deċiżjoni votata u lanqas ma tattakka s-sustanza tal-Artikolu 65 (1) tal-Kostituzzjoni. Għalkemm għandu jibqa' dejjem preferut li l-proċess tal-leġislazzjoni u l-ħidma tal-Kamra tad-Deputati jitwettqu f'ordni li ssegwi b'mod naturali kif jipprovdu l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, l-istess Kostituzzjoni u Ordnijiet Permanenti jippermettu, b'mod mill-aktar legali u kostituzzjonali, li l-proċeduri jistgħu jiġu modifikati u/jew sospiżi skont kif jirrikjedu ċ-ċirkostanzi, inkluż l-esiġenzi tal-gvern tal-ġurnata.

Il-prassi sal-lum, rarament kontestata, hi li l-arranġament tax-xogħol tal-Kamra, l-Aġenda għas-Seduti, jiddeterminah il-Gvern tal-ġurnata li filwaqt li jikkonsidra l-proposti tal-Oppozizzjoni, ħafna drabi daż-żmien fil-laqgħat tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, finalment jiddeċiedi skond l-esiġenzi tal-aġenda tiegħu, salv ftehim jew l-addozzjoni ta' xi mozzjoni biex ikun xort' oħra. Infatti l-Ordni Permanenti 19 jipprovdi li "Fil-ġranet riservati għax-xogħol tal-Gvern, il-Gvern jista' jirranġa dak ix-xogħol, sew jekk ikunu ordnijiet tal-ġurnata jew avviżi ta' mozzjonijiet, b'dak l-ordni li huwa jidhirlu xieraq." L-Ordni Permanenti 20, imbagħad, jassoda din il-proċedura billi jipprovdi li "Ħlief bil-permess

tal-Kamra, li jkun deċiż mingħajr emenda jew diskussjoni, l-ordnijiet tal-ġurnata għandhom jiġu trattati fl-ordni li jkunu fuq l-aġenda."

B'żieda ma' dan kollu ma jistax ma jiġix rilevat li l-Artikolu 65 (1) tal-Kostituzzjoni ċitat mill-Onor Alfred Sant jipprovdi wkoll għal "rispett sħiħ" tal-"obbligi internazzjonali u reġjonali ta' Malta partikolarment dawk assunti bit-trattat ta' adezjoni mal-Unjoni Ewropea iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April, 2003." Is-Sedja jidhrilha li dan "ir-rispett sħiħ" diffiċli jitwettaq jekk il-Membri ta' din il-Kamra u l-Membri tal-Gvern tal-ġurnata, li huma wkoll membri ta' din il-Kamra, ma jkunux jistgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom fil-fora internazzjonali u dawk tal-Unjoni Ewropea bl-aħjar mod possibbli.

Għaldaqstant is-Sedja tiddeċiedi li l-Mozzjoni 78 bl-ebda mod ma tivvjola l-Artikolu 65 (1) tal-Kostituzzjoni, hija skont l-Ordnijiet Permanenti, u filwaqt li tħalli l-konsiderazzjonijiet politiċi li jistgħu jemerġu għad-diskussjoni fost il-Membri, titlob lill-Viċi Prim Ministru sabiex iressaq l-imsemmija mozzjoni ta' proċedura.